**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 3 ta` Marzu 2016**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Gur. Nru. 420/14 JZM**

**Cecil Pace (ID 316030M)**

***kontra***

**Raymond Gatt (ID 64659M) f`ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta` MGI Malta bhala Stralcjarju u Kontrollur rispettivament tas-socjetajiet Malta Maritime Services Limited u Marine Enterprises (Malta) Limited**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-<u>15 ta` Mejju 2014</u> li jaqra hekk :–

*1. Illi ghaxart elef erba` mija u erbghin ishma ta` Lira Maltija kull wiehed f`isem John sive Giovanni Mizzi fis-socjeta` Malta Maritime Services Limited, kif ukoll elf u erba` mitt ishma ta` ghaxar Liri Maltin kull wiehed fis-*

*socjeta` Marine Enterprises (Malta) Limited lkoll ta` Lira Maltija (ekwivalenti ghal Ewro €2.33) kull wiehed gew trasferiti minn John sive Giovanni Mizzi lill-esponent.*

*2. Illi l-esponent talab kemm-il darba lill-Kontrollur tas-socjetajiet imsemmija, fosthom MGI Malta, kif rapprezentat minn Raymond Gatt, li huwa ukoll l-Istralcjarju, sabiex jirregistra t-trasferiment ta` dawn l-ishma f`isem l-esponent, izda dan baqa` inadempjenti, bi ksur tal-Commercial Partnerships Ordinance, u ta` l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap.386).*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha premessi, ighidu ghalhekk il-konvenuti proprio et nomine ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandiex :*

*1. Tordna lill-konvenut Raymond Gatt f`ismu proprju bhala stralcjarju u in rapprezentanza ta` MGI Malta bhala kontrollur tas-socjetajiet fuq imsemmija sabiex jirregistraw minnufih f`isem l-attur it-trasferiment ta` ghaxart elef erba` mija u erbghin ishma ta` Lira Maltija kull wiehed minn John Mizzi fis-socjeta` Malta Maritime Services Limited kif ukoll elf u erba` mitt ishma ta` ghaxar Liri Maltin kull wiehed fis-socjeta` Marine Enterprises (Malta) Limited, kollha ta` Lira (Lm1) (ekwivalenti ghal Ewro €2.33) kull wiehed f`isem l-esponent.*

*2. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-agir tal-konvenut Raymond Gatt f`ismu proprju bhala stralcjarju u ghan-nom u in rapprezentanza ta` MGI Malta bhala kontrollur tas-socjetajiet fuq imsemmija bhala abbuziv, irresponsabbli, illegali, dannuz u in malafede bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Commercial Partnerships Ordinance u ta` l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap.386).*

*3. Fin-nuqqas tar-registrazzjoni tat-trasferiment ta` l-ishma fuq imsemmija tiddikjara lill-konvenut Raymond Gatt f`ismu proprju bhala stralcjarju u ghan-nom u in rapprezentanza ta` MGI Malta bhala kontrollur tas-socjetajiet fuq imsemmija responsabbli ghad-danni kollha kkagunati lill-esponent, liema danni jigu likwidati b`gudizzju separat.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati konvenuti proprio et nomine li jibqghu ngunti minn issa biex jidhru in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvent proprio et nomine li kienet prezentata fl-10 ta` Gunju 2014 li taqra hekk :–

*1. Preliminarjament in kwantu t-talbiet tar-rikorrenti huma ndirizzati kontra l-esponenti "f`ismu proprju" dawn ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li, anke jekk stess it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha, huwa personalment ma ghandu ebda poter li jezegwixxi tali ordni. Kwindi huwa (personalment) mhux il-legittimu kontradittur.*

*2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, mill-Interim Report preparat mill-Kontrollur precedenti Emanuel A Bonello, li kopja ta` siltiet minnu, riferibilment ghas-socjetajiet relattivi, qed jigu hawn ezebiti u markati Dok RG1 u RG2, jirrizulta li attwalment il-persuna registrata mar-Registratur tas-Socjetajiet bhala li hija l-azzjonista fis-socjetajiet koncernati huwa John sive Giovanni Mizzi u meta l-esponenti, fil-kapacitajiet tieghu citati, gie mitlub sabiex jirregistra lir-rikorrenti bhala l-azzjonista attwali huwa ma pprokura ebda dokument ufficjali debitament ittimbrat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, sabiex jipprova l-allegazzjonijiet tieghu u ghaldaqstant l-esponenti kien perfettament intitolat li ma jirregistrax lir-rikorrenti bhala l-attwali azzjonista fis-socjetajiet intimati.*

*3. Illi a skans ta` kull dubju l-esponenti jiddikjara li huwa ser jimxi skrupolozament ma` kwalsiasi pronunzjament li tista` tordna din l-Onorabbli Qorti.*

*4. Illi lill-esponent jirrizultalu, mid-dokumenti tal-kumpanniji, li dawn l-ishma jappartjenu lil nies ohra, pero` jekk jigi prodott dokument ta` trasferiment awtentiku, li jigi accettat bhala tali minn din l-Onorabbli Qorti, huwa jirregistrah fil-kotba tal-kumpannija skond il-ligi. Ghal kull bwon fini, u kif fuq gia inghad, l-esponenti qieghed jehmez ma` din ir-risposta estratt mir-rapporti tal-kontrollur li jispjegaw is-sitwazzjoni dwar il-proprjeta` ta` dawn l-ishma.*

*5. Illi fi kwalsiasi kaz ma hemm l-ebda raguni ghaliex l-esponent ghandu jbati xi spejjez ta` din l-istanza ghaliex kienu in-nuqqasijiet tar-rikorrenti li wasslu ghal din il-posizzjoni u t-tahwid fl-affarijiet u d-dokumenti ta` l-istess socjetajiet qabel dawn ghaddew taht kontroll, l-esponent mexa bi prudenza u diligenza u bl-ebda mod ma kkawza dannu lir-rikorrenti u huwa ghaqli li wiehed jitlob fir-rigward il-produzzjoni ta` dokumenti awtentici mill-liema jirrizulta dan it-trasferiment.*

*6. Illi r-rikorrenti kien obbligat isegwi il-proceduri dettati mil-ligi biex it-trasferiment tal-ishma jigi registrat fil-kotba tas-socjeta` skond il-ligi. Inoltre skond il-ligi bankarja r-rikorrenti kienu prekluzi li jzommu f`isimhom azzjonijiet ta` socjetajiet indebitati mal-bank u kien, probabilment, minhabba dan id-divjet tal-ligi li s-socjetajiet gew registrati kif fil-fatt gew. Certament dak li ma kienx lecitu qabel ghadu mhux lecitu sal-lum u dan josta ghall-azzjoni tar-rikorrenti.*

*7. Salv kontestazzjoni ulterjuri skond il-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda mill-konvenut, u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-risposta guramentata.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta` Settembru 2014.

Semghet ix-xiehda tal-attur fl-istess udjenza.

Rat in-nota b`dokumenti li kienu pprezentat fl-istess udjenza.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta` Frar 2015.

Semghet ix-xiehda tal-Av. Dr. Karmenu Mifsud Bonnici fl-udjenza tas-16 ta` April 2015.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat illi ma jirrizulta li hemm l-ebda ostakolu sabiex il-kawza tkun deciza llum.

## II. Xhieda

**L-attur** ikkonferma d-dokumenti li kienu annessi man-nota tieghu tal-15 ta` Settembru 2014 a fol 18 et seq tal-process. Ikkonferma li fuq dawk id-dokumenti kien hemm il-firem ta` John Mizzi, tieghu u ta` certu Woods li kien

jahdem bhala skrivan fl-ufficju tieghu. Qal illi l-kaligrafija fuq id-dokumenti hija tal-company secretary Av. Manuel Mizzi. Id-dokumenti jirrelataw ma` Malta Maritime Services Limited u Marina Enterprises (Malta) Limited u jirrigwardaw trasferiment ta` ishma minn John Mizzi ghal fuqu. L-ishma qabel kienu tieghu ; imbaghad wara parir tal-Av. J. J. Gatt dawn ma jibqghux fuqu. L-Av Gatt kien qallu illi peress li huwa kellu l-bank tieghu, huwa ma kellux izomm dawk l-ishma f`ismu ghax persuni ohra jghidu li jkollu access ghal informazzjoni. Dawwar l-ishma sabiex ma jkunx hemm konkorrenza zleali. Fil-**kontroezami**, l-attur fisser illi s-*share transfers* gew registrati fil-kotba tal-kumpannija.

**Av. Karmenu Mifsud Bonnici** xehed illi huwa kien il-Kontrollur tal-BICAL minn Novembru 1972 sa Settembru 1984 ; warajh kien mahtur Emmanuel Bonello ; u wara dan, il-konvenut prezenti. Kien muri s-*share transfer* taht ezami ; spjega li huwa ma kienx jaf b`dak it-trasferiment. Qal illi ma jafx li John Mizzi kien ittrasferixxa ishma lil xi hadd. Skont is-*share transfer* it-trasferiment sar fis-7 ta` Dicembru 1972. Il-bank ghalaq fil-25 ta` Novembru 1972. Huwa kien mahtur Kontrollur fit-28 ta` Novembru 1972. Huwa ttratta mal-azzjonist li rrizulta li kien Giovanni Mizzi. Minkejja li s-*share transfer* kien mnizzel li beda jsehh fis-7 ta` Dicembru 1972, id-*duty paid* kien fl-1996. F`din is-sena is-*share transfer* ma gie qatt uzat. Sakemm dam hu Kontrollur, la Mizzi ma ttrasferixxa l-ebda *share* u lanqas Pace ma` akkwista l-ebda *share*. Mistoqsi jekk waqt li l-kumpanniji kienu taht kontroll setax isir negozju fil-proprjeta` tal-kumpanniji u tal-proprjeta` ikkontrollata, ix-xhud spjega li skont il-ftehim, azzjonista kellu d-dritt li jahtar zewg diretturi u wiehed minnhom ikollu l-*casting vote*. Ghalhekk id-diretturi nominati mill-Kontrollur tal-BICAL kellhom fil-fatt id-dritt li jezercitaw kontroll fuq il-kumpanniji. Wara l-hatra tieghu, kemm id-diretturi u is-*shareholders* ma setghu jaghmlu xejn ghaliex is-setghat kienu kollha f` idejn il-Kontrollur.

Fil-**kontroezami,**, Dr Mifsud Bonnici spjega li huwa ma kienx infurmat li Giovanni Mizzi kien *nominee* ghal xi hadd iehor. Huwa ma kienx intalab minn Victor Grech u Albert Zammit sabiex jiehu hsieb ir-registrazzjoni tas-*shareholding*. Kieku saritlu talba f`dan is-sens, kien jirrezisti peress li ma riedx jiddisturba l-pozizzjoni tas-*shareholding* minhabba l-kwistjonijiet pendenti inkluzi debiti favur il-bank. Jekk fuq il-kotba kienu jidhru Zammit u Grech, huwa kien jirrifjuta li jirregistra fuq haddiehor, anke li kieku dawn sostnew li kienu biss *nominees* peress li kien hemm hafna kwistjonijiet pendenti. L-ahwa Mizzi qatt ma qalulu li kienu *nominees* ta` xi hadd ; lanqas l-attur ma qallu xejn. Meta gie muri Dok ST1 u ST2, huwa gharaf il-firma ta` Cecil Pace biss. Il-Kapt Giovanni Mizzi kien azzjonista u direttur taz-zewg kumpanniji. Huwa ikkonferma li gieli attenda l-laqghat tal-bordijiet tad-diretturi. Wara li spicca minn Kontrollur, id-dokumentazzjoni tal-kumpanniji assocjati marru (jekk ma gewx elevati mill-pulizija) ghand il-Kontrollur ta` warajh. Il-kumpanniji baqghu joperaw u ghalhekk id-dokumentazzjoni jista` jkun li kienet ghand id-diretturi. Meta l-kumpanniji temmew l-operazzjonijiet taghhom, id-dokumenti marru

ghand il-Kontrollur. Qal illi ma setax igharaf il-kaligrafija fuq is-*share transfer agreements.*

## III. <u>L-ewwel talba</u>

**Permezz ta` l-ewwel domanda, ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenut pro et noe illi jirregistra f`ismu it-trasferiment minn John Mizzi ta` (a) ghaxart elef erba` mija u erbghin (10,440) sehem b`valur nominali ta` Lm 1 kull sehem fis-socjeta` Malta Maritime Services Limited ; u (b) elf u erba` mitt (1,400) sehem b`valur nominali ta` Lm 10 kull sehem fis-socjeta` Marine Enterprises (Malta) Limited.**

Skont l-eccezzjonijiet, jidher illi mill-Interim Report li hejja Emmanuel A. Bonello, meta kien Kontrollur, li kopja b`siltiet minnu riferibbli ghas-socjetajiet relattivi kienet ezebita bhala Dok RG1 u RG2, jirrizulta li attwalment il-persuna registrata mar-Registratur tas-Socjetajiet bhala l-azzjonista fis-socjetajiet koncernati huwa John sive Giovanni Mizzi. Inoltre meta l-intimat kien mitlub jirregistra l-attur bhala l-azzjonista attwali huwa ma pprezenta l-ebda dokument ufficjali debitament ittimbrat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in sostenn tal-pretensjoni tieghu. Fl-istess waqt il-konvenut iddikjara illi kien lest joqghod ma` kull pronunzjament tal-Qorti. Kompla tfisser fl-eccezzjonijiet illi jekk jigi prodott dokument ta` trasferiment awtentiku, accettat mill-Qorti, allura kien lest jirregistra d-dokument fil-kotba tal-kumpannija skont il-ligi.

Jirrizulta li fil-mori ta` din il-kawza, gew ipprezentati *share transfer documents*, ossija Dok ST1 li jirrigwarda *share transfer* ta` 10,440 *shares* ta` Lm1 kull sehem fis-socjeta` Malta Maritime Services Limited minn Giovanni Mizzi lill-attur, u Dok ST2 li jirrigwarda *share transfer* ta` 1,400 *shares* ta` Lm 10 kull wiehed fis-socjeta` Marine Enterprises (Malta) Limited minn Giovanni Mizzi lill-attur. Il-Qorti rat l-originali ta` dawn id-dokumenti u jirrizulta li l-kopji ezebiti jaqblu perfettament mal-kopji li gew ezebiti fil-process u mmarkati bhala Dok ST1 u ST2. Il-kontenut ta` dawn id-dokumenti kien ikkonfermat bil-gurament mill-attur. Irrizulta wkoll illi *share transfers* kienu ttimbrati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-prova tal-hlas tal-boll. Inoltre rrizulta li ghalkemm it-trasferiment tal-ishma jidher li sar fis-7 ta` Dicembru 1972, il-boll dovut thallas fl-4 ta` Mejju 1996.

**Dwar registrazzjoni ta` trasferiment ta` ishma go socjetajiet kummercjali, trid issir riferenza ghad-disposizzjonijiet tal-<u>Kap 168</u> tal-Ligijiet ta` Malta, li kienet il-ligi applikabbli ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum. Qed jinghad hekk ghaliex iz-zewg socjetajiet in kwistjoni kienu socjetajiet taht kontroll.**

Skont l-**<u>Art 431(1)(d) tal-Kap 386</u>** tal-Ligijiet ta` Malta :

*Soċjeta kummerċjali li fl-1 ta` Marzu 1998, tkun attiv kontrollat kif imfissra fl-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta` Stralċ) għandha tkompli tiġi regolata bl-Ordinanza sa sitt xhur wara li dik is-soċjetà kummerċjali tkun waqfet milli tkun attiv kontrollat skont dak l-Att ; u d-disposizzjonjiet tal-artikolu 428 għandhom ikunu applikabbli għal dik il-kumpannija kontrollata bħallikieku riferenza li hemm għat-28 ta` Frar, 1998, kienet riferenza għall-aħħar jum tal-perijodu ta` sitt xhur wara li s-soċjetà kummerċjali tkun temmet milli tkun attiv kontrollat, u riferenza għall-1 ta` Marzu, 1998 kienet riferenza għall-ewwel jum li jiġi minnufih wara dak il-perijodu, u d- disposizzjonijiet tas-subartikolu (16) tal-imsemmi artikolu 428 ikunu biss japplikaw wara l-31 ta` Diċembru tas-sena li fiha jkun skada dak il-perijodu ta` sitt xhur.*

**Ladarba s-socjetajiet in kwistjoni sal-lum ghadhom taht kontroll, huwa l-Kap 168 tal-Ligijiet ta` Malta li jopera fir-rigward taghhom.**

Dwar registrazzjoni tat-trasferiment ta` ishma, l-**<u>Art 103 tal-Kap 168</u>** tal-Ligijiet ta` Malta jghid :-

*Kumpannija ma tkunx tista` tirregistra trasferiment ta` azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija jekk ma jkunx inghata lill-kumpannija dokument regolari tat-trasferiment jew kopja awtentika tieghu:Iżda ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tippreġudika xi setgħa tal-kumpannija li tirreġistra bħala azzjonista jew detentur ta`obbligazzjonijiet lil xi ħadd li lilu d-dritt għal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija jkun ġie trasferit causa mortis.*

**<u>L-Art 104</u>** tal-istess ligi jghid :-

*Fuq talba ta` min jittrasferixxi xi azzjoni jew obbligazzjoni ta` kumpannija, il-kumpannija għandha tniżżel fuq ir-reġistru tagħha tal-membri jew tal-obbligazzjonijiet, skont il-każ, l-isem tal-persuna li jkun sar lilha t-trasferiment bl-istess mod u suġġett għall-istess kondizzjonijiet bħallikieku t-talba għar-reġistrazzjoni tkun saret minn min ikun sar lilu t-trasferiment.*

Imbaghad **<u>l-Art 105</u>** ighid :-

*(1) Kull kumpannija, fi żmien xahrejn wara l-għoti ta` xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tagħha u fi żmien xahrejn wara d-data li fiha t-trasferiment ta` dawk l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ikun ġie preżentat lill-kumpannija, u fi żmien xahar mid-data li fiha xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet bħal dawk trasmessi causa mortis ikunu ġew reġistrati fl-isem tal-persuna li jkollha dritt tkun reġistrata bħala d-detentriċi tagħhom, għandha tikkonsenja ċ-ċertifikati*

*tal-azzjonijiet kollha, l-obbligazzjonijiet u ċ-ċertifikati ta` kull stock ta` obbligazzjonijiet mogħtija, trasferiti jew trasmessi causa mortis lill-persuni li jkollhom jedd għalihom, jekk il-kondizzjonijiet tal-ħruġ tal-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ma jaħsbux xort`oħra.*

*(2) Il-kelma "trasferiment" għall-finijiet ta` dan l-artikolu tfisser trasferiment bollat kif imiss u xort`oħra validu, u ma tinkludix dak it-trasferiment li l-kumpannija ghal xi raġuni jkollha dritt li tiċħad li tirreġistra u li ma tirreġistrax.*

*(3) F`każ ta` nuqqas ta` tħaris ta` xi waħda mid-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas ikun jista` jeħel penali ta` mhux iżjed minn erba` euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) għal kull ġurnata sakemm idum in-nuqqas.*

**<u>L-Art 107</u>** jistipola illi :-

*Kull kumpannija għandha żżomm reġistru tal-membri tagħha u tniżżel fih il-partikolaritajiet li ġejjin :*

*(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-membri u dikjarazzjoni tal-azzjonijiet li jkollu kull membru li turi kull azzjoni bin-numru tagħha, meta l-azzjoni jkollha numru, u tal-ammont imħallas jew miftiehem li jiġi meqjus bħala mħallas fuq l-azzjonijiet ta` kull membru ;*

*(b) id-data li fiha kull persuna tkun tniżżlet fir-reġistru bħala membru ;*

*(ċ) id-data li fiha xi persuna ma tkunx baqgħet membru :*

*Iżda mal-hruġ ta` warrant dwar azzjonijiet il-kumpannija għandha tħassar mir-reġistru tagħha tal-membri l-isem tal-membru li allura jitniżżel fih bħala d-detentur tal-azzjonijiet imsemmija fil-warrant u tniżżel, minflok il-ħtiġijiet imsemmija, il-partikolaritajiet li ġejjin :*

*(i) il-fatt tal-ħruġ tal-warrant ;*

*(ii) dikjarazzjoni dwar l-azzjonijiet inklużi fil-warrant, li turi kull azzjoni bin-numru tagħha, meta l-azzjoni jkollha numru ;*

*(iii) id-data tal-ħruġ tal-warrant:Iżda wkoll meta l-kumpannija tkun biddlet xi azzjonijiet tagħha fi stock u tkun irreġistrat it-tibdil mar-Reġistratur kif hemm mahsub fl-artikolu 77(2), ir-reġistru għandu juri l-ammont tal-istock miżmum minn kull membru minflok l-ammont ta` azzjonijiet u l-partikolaritajiet dwar azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (a).*

*(2) Ir-reġistru tal-membri għandu jinżamm fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija.*

*(3) F`nuqqas ta` tħaris ta` xi waħda mill-ħtiġijiet ta` dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun fin-nuqqas jista` jeħel penali ta` mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).*

**Ladarba fil-mori ta` din il-kawza, l-iStralcjarju u Kontrollur ta` Malta Maritime Services Limited u Marine Enterprises (Malta) Limited kien moghti d-dokumenti regolari dwar it-trasferiment ta` ishma li sehh, jidher li dan jista` jghaddi biex jirregistra t-trasferiment. Qed jinghad dan peress li fil-mori ta` l-kawza, <u>ma tressqux provi</u> da parti ta` l-konvenut dwar ir-ragunijiet ghalfejn ir-registrazzjoni tat-trasferiment baqa` ma sarx.**

Il-konvenut jaghmel dawn l-argumenti :-

**A)** Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, il-konvenut isostni li t-trasferiment tas-7 ta` Dicembru 1972 kien imbollat ghat-taxxa fl-4 ta` Mejju 1994. Fil-frattemp ittiehdu risoluzzjonijiet u saru akkordji registrati bejn is-socji allura registrati. Il-Qorti mhijiex tirriskontra provi li jsostnu dan. Madanakollu rrizulta mix-xiehda tal-attur li l-ishma kienu mizmuma minn `*nominees*` ; b`hekk l-attur kien edott b`dak li kien qed jigri fis-socjetajiet.

**B)** Sar l-argument illi l-attur naqas li jressaq provi sufficjenti dwar il-veracita` tat-trasferimenti. Jirreferi ghax-xiehda tal-Av. Karmenu Mifsud Bonnici meta xehed li huwa qatt kien infurmat bit-trasferimenti. Inoltre l-attur naqas milli jressaq biex jixhdu lill-eredi ta` Giovanni Mizzi sabiex jikkonfermaw fl-ewwel lok jekk kienux jaqblu mal-kontenut tad-dokumenti u fit-tieni lok jekk kellhomx pretensjonijiet dwar dawk l-ishma. Din il-Qorti tara li d-dokumenti fihom nfushom huma prova tal-kontenut. Il-maqlub ma kienx ippruvat. Huwa minnu li Av. Mifsud Bonnici xehed illi ma kienx infurmat bit-trasferiment izda dan baqa` fix-xena sal-1984, mentri t-trasferiment kien imbollat fl-1996. Ghalhekk, anke li kieku Av. Mifsud Bonnici kien infurmat b`*share transfer,* dan xorta wahda ma kienx ghadu validu peress li kien ghadu mhux bollat. Ghaldaqstant l-argument tal-konvenut ma jimmeritax li jigi akkolt.

**C)** L-intimati eccepew ukoll illi skont il-ligi bankarja l-attur kien prekluz milli jzomm f`ismu ishma ta` socjetajiet indebitati mal-bank u kien, probabilment, minhabba dan id-divjet tal-ligi li s-socjetajiet gew registrati kif fil-fatt gew. Ghalhekk kien eccepiet li certament dak li ma kienx lecitu qabel, ghadu mhux lecitu sal-lum, u kwindi hemm ostakolu ghall-azzjoni tal-attur.

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi din l-eccezzjoni tal-ahhar hija bbazata fuq l-**<u>Art 987 tal-Kap 16</u>**, li jistipola *li l-obbligazzjoni minghajr kawza jew maghmula fuq kawza falza jew illecita, m` ghandha ebda effett.*

Diversi kienu l-pronunzjamenti tal-Qrati taghna dwar din id-disposizzjoni.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru 2007 fil-kawza "**Carmen Muscat vs John Aquilina et**" inghad hekk :-

*Hu pacifiku fil-gurisprudenza li ` hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula fil-kawza illecita u l-kawza hija illecita meta hija pprojbita mil-ligi jew kuntrarju ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess generali. Il-kwistjoni tal-legalita jew le tal-konvenzjoni minhabba kawza illecita tista` tigi sollevata mill-Qorti ex officio.` (Vol. XII.I.684). `Nessun atto, per quanto liberamente consentito e, talora ripetuta, e nessun periodo di tempo per lungo che sia, possono dare efficacia ad un` obbligazione proibita per ragione di ordine pubblico` (Vol XXII.I.193).*

Fis-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fl-14 ta` Novembru 1996 fil-kawza "**Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri et**" inghad hekk :-

*Huwa bla effett kull kutratt li ghandu kawza illecita. Il-kawza hija illecita meta hija pprojbita mill-ligi jew kuntrarja ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku. Ftehim ikun kontra l-ordni pubbliku meta huwa kontra l-interess generali. Legislazzjoni ta` natura fiskali hi minnha nfisha ta` ordni pubbliku, ghax hu prezunt li saret fl-interess komuni.*

Fil-kawza li kienet deciza fis-16 ta` Settembru 2004 fil-kawza "**Joseph Farrugia vs Peter Paul Attard**" mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), il-konvenut qajjem l-eccezzjoni ta` l-illegalita` ta` l-azzjoni stante li l-attur ma kienx registrat mad-Dipartiment tal-VAT u ghalhekk it-talba tieghu ghall-hlas ma nhargitx fuq invoice fiskali ai termini tal-ligi tal-VAT. Sar l-argument illi l-kawza petendi kienet wahda illecita.

Il-Qorti cahdet din l-eccezzjoni u ghamlet dawn ir-rilievi :-

*In linea preliminari, hu dottrinalment accettat illi l-"causa" tal-obbligazzjoni hi l-iskop persegwit mill-kontraenti. Skond it-teorija oggettiva din il-`causa` hi identifikata mal-funzjoni ekonomika-socjali tan-negozju intervenut bejn il-kontraenti. Hi ghalhekk diretta li tiehu qies tal-interessi kollha konkreti li l-operazzjoni, obbjettivament, hi mahsuba li tirrealizza. Jinkombi ghalhekk fuq il-gudikant li jidentifika d-dixxiplina regolatrici tan-negozju u jipprocedi ghall-valutazzjoni `in concreto` tal-kawza, qua element essenzjali tan-negozju. Fi kliem iehor ghandu jiddetermina jekk il-`causa`, oggett tal-valutazzjoni, tikkonformax ruhha mal-ligi, inter alia, l-licejeta` taghha.*

*Posta din l-introduzzjoni, jista` jinghad bla ebda ezitazzjoni, illi din il-Qorti ma tara xejn illecitu fil-kontrattazzjoni `de quo`. Il-ftehim certament ma kienx mahsub biex tigi evasa xi taxxa dovuta tal-VAT. Anke jekk is-servizz prestat mill-attur appellat seta` kien soggett ghal din it-taxxa, l-ftehim milhuq ma jistax, bl-ebda sforz tal-immaginazzjoni, jigi kwalifikat bhala illecitu, kontra morali jew kontra l-ordni pubbliku, li jsemmi l-artikolu 990 tal-Kodici Civili. Ghad li mhux uzati f`kuntest identiku, biex jigu uzati l-kliem tas-sentenza fl-ismijiet "Josephine Grech et -vs- Ignatius Attard et noe", Appell, 30 ta` Gunju 2000, "l-fatt li l-iskrittura tax-xorta in ezami setghet tkun soggetta ghal xi forma ta` hlas ta` boll … … dan ma kienx jirrendi l-kuntratt null u bla effett fil-ligi u wisq anqas ma kien jista` jirrendih ftehim minghajr kawza jew b`kawza illecita jew immorali jew kontra l-ordni pubbliku".*

*Fih innifsu fin-negozju intervenut bejn il-kontendenti ma jidher li sar xejn bi skop li tigi aggirata l-ligi. Tutt`al piu` jista` jinghad li ma gietx ezatta l-VAT izda dan ma jaghmelx il-`causa` illegali. Jinsab deciz mill-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni illi "le frodi fiscali non comporta la nullita`dei negozi con cui viene commessa (C 87/6970) trovando la sua sanzione soltanto nelle disposizioni fiscali "(C 99/12327).*

*Hemm imbaghad fuq dan il-punt riflessjoni ohra li trid issir u li dwarha l-attur appellat ikkummenta fit-tieni paragrafu tar-risposta tieghu ghall-aggravju hawn diskuss. Jekk il-konvenut kien jaf illi l-prezz kwotat lilu, u li hu accetta (ara affidavit tieghu a fol 29), ma kienx jinkludi l-VAT u kien jaf ukoll li l-attur appellat ma kienx registrat mal-VAT Department, mhux gust li `ex post facto` r-realizazzjoni tax-xoghlijiet jippretendi li ghandu jivvantaggja ruhu bit-turpitudini tieghu stess biex jirrezisti l-hlas minghandu reklamat. Kif rilevat, "id-disposizzjonijiet ta` l-artikoli 987 sa 991 tal-Kodici Civili ma humiex intizi biex jaghtu xi drittijiet lil min ikun konxjament u deliberatament ikkontratta obbligazzjoni b`causa illecita jew kontra l-ordni pubbliku imma kienu biss intizi bhala deterrent kontra lezekuzzjoni ta` tali obbligazzjoni" – "Antonio Cassar noe -vs- Boris Arcidiacono", Appell, 5 ta` Ottubru 1998.*

*Kemm allura ghal dan l-ahhar motiv u wisq aktar ghall-fatt illi ma nstabx illi n-negozju guridiku kien jikkontjeni fil-`causa` tieghu ngredjenti ta` illecejita`, l-aggravju sottomess f`dan il-kuntest ma jistax jigi sostnut.*

Fis-sentenza li tat fit-28 ta` Marzu 2014 fil-kawza "**Erika Gertrud Selma Menestret vs Dr Georgine Schembri noe**" il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali kien imfisser illi semplici *departmental policy* ma tammontax ghal ligi :-

*" … it remains to be seen whether there was an illicit cause or whether the prestanome mandate given was intended to avoid public policy rules. At this stage reference is made to the decision in the names of John William Haynes et vs Michelle Schembri et (Rik Nru: 187/2009 JZM deciza fit-28 ta` Frar 2011) which*

*states:Fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/NC) fil-kawza `Andrews et vs Borg` tal-31 ta` Ottubru 2003 kien ritenut illi –" Hu pacifiku fil-gurisprudenza li `hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula fil-kawza illecita u l-kawza hija illecita meta hija pprojbita mill-ligi jew kuntrarju ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess generali. Il-kwistjoni tal-legalita` jew le tal-konvenzjoni minhabba kawza illecita tista` tigi sollevata mill-Qorti ex officio".*

*Skond il-Kap.246, fiz-zmien tal-kaz, il-procedura li persuna meqjusa skond il-ligi bhala mhux residenti f`Malta kellha tosserva sabiex tkun tista` takkwista proprjeta` hawn Malta kienet illi titlob permess minghand il-Ministru tal-Finanzi. Infatti l-Art.6 jaghti s-setgha lill-Ministru li jaghti permess bil-miktub lill-persuna mhux residenti biex takkwista proprjeta` immobbli li tkun specifikament indikata fil-permess, jekk fil-fehma tal-Ministru, ikun fl-interess pubbliku jew ikun xort`ohra xieraq li jinghata dak il-permess. L-istess disposizzjoni mbaghad tispecifika l-mod kif dan il-permess ista` jinhareg.*

*Fil-kaz tal-lum, dik il-procedura giet evitata ghaliex il-konvenuta Michelle Schembri dehret fuq il-kuntratt tal-akkwist bhala prestanome ta` l-attur missierha unikament sabiex tithallas rata ta` taxxa aktar baxxa ghax applikabbli ghal persuni residenti Malta milli kien ihallas l-attur li kieku deher hu fuq il-kuntratt ladarba ma kienx residenti Malta.*

*L-iskop ta` l-Kap.246 kien li jikkontrolla fl-interess generali tal-pajjiz l-akkwist ta` propjeta` mmobbli f`dawn il-Gzejjer minn persuni mhux residenti, irrispettivament mill-forma ta` l-akkwist, kif ukoll sabiex irazzan l-akkwist f`dawn il-Gzejjer minn persuni mhux residenti sabiex tigi evitata spekulazzjoni fis-suq tal-proprjeta` f`Malta.*

*Skond l-Art.1857 tal-Kap.16, `il-mandat ghandu jkollu bhala skop tieghu haga lecita li min jaghti l-mandat seta` jaghmel huwa nnifsu`. Issa ladarba fil-kaz tal-lum l-atturi ma kienux residenti f`Malta fiz-zmien li kien sejjer isir l-akkwist tal-garage de quo u ladarba rrizulta li l-attur John Haynes ma kien talab l-ebda permess skond il-Kap.246 sabiex ikun jista` jakkwista din il-propjeta` `Malta, ilftehim kien kontra l-ordni pubbliku. L-atturi bhala persuni mhux residenti f`Malta ma setghux jakkwistaw proprjeta` f`Malta jekk mhux bil-permess skond il-Kap.246. Allura l-atturi ma setghux jaghtu mandat lill-konvenuta binthom sabiex din taghmel f`isimhom dak li kienu prekluzi milli jaghmlu hlief bil-procedura kontemplata mil-ligi li huma ben konsapevoli ghazlu li jikkontravjenu sabiex igawdu minn rohs illecitu fil-hlas tat-taxxa.*

*Huwa minnu illi barranin illum jistghu jakkwistaw proprjeta` wahda f`dawn il-Gzejjer, izda xorta wahda baqghet il-htiega li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet koncernati sabiex tista` tigi akkwistata validament dik il-propjeta`. Dan l-obbligu ma gie bl-ebda mod dispensat anke jekk forsi llum l-applikazzjoni saret aktar formalita`.*

*F`dak li din il-Qorti qeghda tghid issib sostenn u konfort fis-sentenza moghtija fit-3 ta` Dicembru 2004 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza `Lucchesi et vs Sultana et`. Ghal din il-Qorti l-mandat tal-attur favur bintu l-konvenuta Michelle Schembri fil-kaz tal-lum kien afflitt minn kawza llecita.*

*Skond l-Art.987 tal-Kap.16 - `L-obbligazzjoni mingħajr kawŜa, jew magħmula fuq kawŜa falza jew illecita, m`għandha ebda effett`. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tordna lill-konvenuti ghall-ezekuzzjoni tal-mandat u cioe` li jittrasferixxu l-fond de quo lill-atturi. Ighid Laurent (Vol.XXVII Para.402) –*

*"Quando il fatto e` illecito la legge non riconosce alcun effetto alla convenzione ; e` una obbligazione fondata su causa illecita, poiche` la causa si confonde con l` oggetto dei contratti ; e quando la causa e` illecita l` obbligazione e` inesistente e non puo` avere alcun effetto"*

*Maghdud mal-premess, din il-Qorti tghid li ghall-kaz tal-lum huwa operattiv il-principju tad-dritt li hadd ma jista` jiehu vantagg mit-turpitudini tieghu stess (ex turpi non oritur actio). Din il-massima tfisser li hadd ma jista` jibbaza azzjoni gudizzjarja fuq att immorali jew illegali. Issib applikazzjoni naturali (ghalkemm mhux hekk ristretta) fil-kamp tal-kuntratti meta l-kawza tkun illecita. Fil-kawza "Scicluna vs Abela" (Vol.XXXII.I.174) il-Qorti tal-Appell kienet affermat il-principju li l-Qrati ma jistghux ighinu jew jagevolaw lil dak li jkun ghamel xi haga llecita (ara wkoll - "J.M.V. Holding Limited et vs Karina Holdings Limited et" – Qorti tal-Appell - 30 ta` Novembru 2007".*

*In this case, the above-mentioned witness Bernard Bonnici testified that at the time of the contract there was a policy department that persons of the same sex and who were foreigners were not given an AIP permit to purchase property. However it was underlined by the witness that this was only a departmental policy. There was nothing in the law which prohibited it as such. …Thus the agreement between the parties was not intended to by-pass any law but for the reasons which have already been mentioned before.*

In sostenn ta` l-eccezzjoni taghhom, l-intimati jghidu fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom illi huwa cert li l-attur skond il-verzjoni tieghu stess ghazel li jpoggi l-ishma fuq `*nominee*` fiz-zmien in kwistjoni minhabba ragunijiet tieghu, probabilment ghaliex kien il-kaz li bhala direttur ta` bank ma setax jkollu interess f`socjeta` li kienet hija stess qeghda tissellef mill-bank. Da parti tieghu l-attur, fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu, sostna li ma giex ippruvat mill-konvenut li skond il-ligi bankarja huwa kien prekluz li jzomm f`ismu ishma ta` socjetajiet indebitati mal-bank jew li kien hemm xi divjet tal-ligi.

Ghakemm huwa minnu li l-konvenut fin-nota tieghu ma jispecifikax ghal liema ligi bankarja kien qed jirreferi, jirrizulta li fiz-zmien meta dawn is-*share transfers* kienu mbollati ossija fl-1996, **l-Art 15** tal-Att dwar il-Kummerc Bankarju (**Kap 371 tal-Ligijiet ta` Malta**) kien jistipola illi :-

*Bank ma ghandux :*

*(a) jaghti xi facilita` ta` kreditu kontra s-sigurta` ta` 1-azzjonijiet tieghu stess jew kontra xi sigurtajiet ohra mahruga mill·bank innifsu jew kontra xi azzjonijiet jew xi sigurtajiet ohra ta` korp guridiku iehor li fih il-bank ikollu kontroll ;*

*(b) jaghti, jew jippermetti li jibqghu pendenti, facilitajiet ta` kreditu mhux assigurat, li fit-total jeccedu s-somma ta` hamest elef lira Maltija : -*

*(i) lil xi wiehed mid-dirctturi tieghu jew lill-konjugi kemm jekk flimkien jew individwalment jew ma` terzi persuni ;*

*(ii) lil xi persuna li fiha l-bank jew xi wiehed jew izjed mid-diretturi tieghu ikun interessat bhala direttur, socju, manager, agent jew membru (lima jkunx azzjonista f` kumpannija mnizzla fuq il-Borza ta` Malta) jew lil xi persuna li taghha xi wiehed jew izjed mid-drietturi tal-bank ikun garanti ;*

*(iii) lil xi korp ta` persuni li fih il-bank jew xi wiehed jew izjed mid-diretturi tieghu ikollhom flimkien jew individwalment kontroll, li ma jkunx huwa stess bank jew l-impriza centrali tal-bank, sussidjarju ta` din l-impriza centrali jew sussidjarju tal-bank ;*

*(c) jaghti jew jippermetti li jibqghu pendenti relattivament ghal xi wiehed mill-funzjonarji, hlief direttur jew xi impjegat, facilitajiet ta` kreditu mhux assigurati li fit-total jeccedu s-salarju ta` tnax-il xahar ta` dak il-funzjonarju jew impjegat ;*

*(d) jakkwista jew izomm xi parti mill-kapital azzjonarju ta` jew xort` ohra jkollu interess dirett jew indirett f` xi bank jew kumpannija ohra jew grupp ta` persuni konnessi, li l-valur tal-kost originali taghha jeccedi hmistax fil-mija tal-fondi tal-bank stess u holdings tali ma ghandhomx jeccedu fit-totla mija fil-mija tal-fondi tieghu stess :*

*Iżda :*

*(i) is-sussidjarji ta` bank meqjusa komplessivament, ma gahndhomx jikkostitwixxu grupp ta` persuni konnessi ghall-finijiet ta` dan l-artikolu ;*

*(ii) meta l-kapital azzjonarju akkwistat ikun dak ta` bank sussidjarju l-limitu ta` hmistax fil-mija specifikat f` dan il-paragrafu ghandu jkun hamsa u ghoxrin fil-mija tal-fondi tal-bank stess ;*

*(iii) il-holding ta` azzjonijiet f` kumpaniji barra minn dawk li jaqghu that (ii) ta` hawn fuq ma ghandux jeccedi fit-total sittin fil-mija tal-fondi tal-bank stess ;*

*(iv) meta l-imsemmija percentaggi jigu ecceduti bhala rizultat ta` l-akkwist ta` azzjonijiet biex jigu ssodisfati djun dovuti lill-bank, huwa jkollu massimu ta` tnax-il xahar jew dak il-perijodu iehor lijista` jigi stabbilit mill-Awtorita` Kompetenti biex fih jikkonferma ruhu mad-disposizzjonijeit ta` da nil-paragrafu ;*

*(v) L-awtorita` Kompetenti tista` tippermetti li bank jeccedi termporanjament il-limiti specifikati f` dan il-paragrafu kull meta, fil-fehma ta` l-Awtorita` kompetenti, dak l-eccess ikun rizultat ta` riduzzjoni inevitabbli tal-fondi tal-bank stess ;*

*(vi) Meta l-bank ikun impriza centrali jew sussidjarja l-osservanza tal-limiti specifikati f` dan il-paragrafu ghandha tkun kontrollata fuq bazi konsolidata ;*

*(e) mingħajr il-kunsens tal-awtorità kompetenti takkwista jew iżżomm azzjonijiet f`kumpannija oħra li ma tkunx bank, li jeccedu ħamsa fil-mija tal-kapital azzjonarju maħruġ ta` dik il-kumpannija ;*

*(f) jixtri, jakkwista jew xort`oħrajzomm xi proprjetà mmobbli jew xi dritt fuqha hlief kif jista` jkun meħtieġ raġonevolment sabiex imexxi l-kummerċ titeghu jew għall-abitazzjoni jew sabiex jipprovdi amenitajiet għall-persunal tieghu :*

*Iżda dan il-paragrafu ma għandux jimpedixxi bank -*

*(i) milli jixtri parti ta` xi bini li jkun użat sabiex imexxi l-kummerċ tieghu ; jew*

*(ii) milli jassigura dejn fuq xi proprjeta` immobbli u,fil-kaz ta` nuqqas ta` ħlas ta` dak id-dejn, milli jakkwista jew iżomm dik il-proprjeta`, biex tiġi rejalizzata fi żmien tnax-il xahar, jew xi perijodu iehor li l-awtorità kompetenti tista tistabbilixxi ;*

*(iii) f`ċirkostanzi oħra milli takkwista, bl-approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti, proprjeta` immobbli li l-kost oriġinali tagħha ma għandux fit-total jeccedi ħamsa fil-mija tal-fondi tal-bank stess.*

*(2) Fil-paragrafi (b) u (ċ) tas-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu l-espressjoni "faċilitajiet ta`kreditu mhux assigurati" tfisser faċilitajiet ta` kreditu maghmula mingħajr sigurtà jew, relattivament għal xi faċilità ta`kreditu magħmula b`sigurtà, kull parti minnha li f`xi żmien teċċedi l-valur fis-suq tal-attiv li jikkostitwixxi dik is-sigurtà, jew meta lawtorità kompetenti tkun sodisfatta li ma hemm ebda valur stabbilit fis-suq, fuq il-bażi ta` valutazzjoni approvata mill-awtorità kompetenti nnifisha.*

Jidher ghalhekk li kien meqjus bhala negozju pprojbit illi bank jaghti, jcw jippermetti li jibqghu pendenti, facilitajiet ta` kreditu mhux assigurat, li fit-total jeccedu s-somma ta` hamest elef liri Maltin (Lm 5,000) lil xi wiehed mid-diretturi tieghu jew lil xi persuna li fiha l-bank jew xi wiehed jew izjed mid-diretturi tieghu ikun interessat bhala direttur, socju, manager, agent jew membru (li ma jkunx azzjonista f` kumpannija mnizzla fuq il-Borza ta` Malta) jew lil xi persuna li taghha xi wiehed jew izjed mid-drietturi tal-bank ikun garanti.

Minkejja din id-disposizzjoni, ma tressqux provi quddiem din il-Qorti li juru li dak allegat mill-konvenut kien jaqa` fl-ambitu ta` l-applikazzjoni ta` l-artikolu fuq riferit jew illi kien jikkostitwixxi ksur ta` xi disposizzjoni ohra. L-unika prova li tirrizulta hija li l-ismha in kwistjoni kienu originarjament f`isem l-attur izda imbaghad nghata parir legali sabiex jigu trasferiti f`isem terzi persuni. Jirrizulta li l-attur zamm mistur li sar dan it-trasferiment sakemm imbaghad wara trapass ta` diversi snin talab li t-trasferiment jigi rikonoxxut. Fix-xiehda tieghu, l-attur ighid illi l-avukat tieghu qallu : "*peress li inti ghandek il-Bank tieghek tnaffarx il-possibilita` ta` klijenti li jistghu jkunu fl-istess linji tieghek bhal speci jghid qed jahdem ma` xi hadd li jkollu access ghal informazzjoni ta` l-istess xoghol qed tifhem biex ma jkunx hemm konkorrenza sleali.*" (fol 24)

Lanqas ma tressqu provi illi kienet tezisti legislazzjoni fis-sens illi direttur ta` bank ma setax jkollu interess f`socjeta` li kienet hija stess qed tissellef mill-bank. Jista` jaghti lok li dawn kienu *bank policies* vigenti sabiex jigi evitat konflitt ta` interess, izda kif gie nsenjat fil-gurisprudenza fuq riferita, *policies* ma jammontawx ghal ksur ta` disposizzjoni ta` ligi li per konsegwenza tirrendi kawza llecita.

**Ghalhekk ladarba ma gewx imressqa provi sufficjenti dwar din l-allegata kawza llecita, il-Qorti sejra biex tichad ukoll din l-eccezzjoni.**

Per konsegwenza, il-Qorti sejra tilqa` l-ewwel talba u tordna lill-konvenut Raymond Gatt ghan-nom u in rapprezentanza ta` MGI Malta bhala Stralcarju u Kontrollur rispettivament tas-socjetajiet Malta Maritime Services Limited u Marine Enterprises (Malta) Limited illi jirregistra f`isem l-attur it-trasferimenti ta` l-ishma mertu ta` din il-kawza. L-ordni ma testendix ghall-istess Raymond Gatt de proprio stante li, kif inghad fid-disposizzjonijiet tal-ligi citati, trasferimenti u bidliet fl-ishma tas-socjeta` kellhom jigu registrati mas-socjeta` stess.

## IV. <u>It-tieni talba</u>

Permezz tat-tieni domanda, l-attur talab li jigi deciz u dikjarat illi l-agir tal-konvenut Raymond Gatt huwa abbuziv, irresponsabbli, illegali, dannuz u in mala fede bi ksur tal-Kap 168 u tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti tosserva illi l-attur ma ressaq l-ebda provi dwar kif u come huwa allegatament talab diversi drabi lill-konvenut sabiex jirregistra t-trasferiment ta` l-ishma mertu ta` din il-kawza. Min-naha tieghu, il-konvenut ghamel il-prova b`siltiet mill-Interim Report tal-Kontrollur Emmanuel A Bonello mnejn jirrizulta li ma kien hemm l-ebda nformazzjoni li kien sar it-trasferiment ta` l-ishma minn Giovanni Mizzi ghall-attur. Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-kwistjoni trid tkun inkwadrata fil-kuntest tal-**Kap 383 tal-Ligijiet ta` Malta** li jipprovdi proprju għall-istralċ u distribuzzjoni ta` l-attiv ta` entijiet kontrollati.

Dwar il-procedura li ghandha tkun addottata, l-**Art 4 tal-Kap 383** jistabilixxi :-

*(1) Meta l-awtorità kompetenti wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali ta` Malta jagħmel ordni għall-istralċ ta` attiv kontrollat, il-Kontrollur għandu jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta fejn isejjaħ lil kull kreditur li jista` jkollu xi pretensjoni kontra jew fuq l-attiv kontrollat sabiex iressaq quddiemu dik il-pretensjoni fi żmien tlett xhur mid-data ta` dak l-avviż. Il-Kontrollur għandu, flimkien ma` dak l-avviż, jippubblika lista ta` kredituri li jkunu minnu rikonoxxuti bħala li għandhom pretensjoni valida kontra l-attiv kontrollat, kif ukoll l-ammont dovut mill-attiv kontrollat għal dik il-pretensjoni.*

*(2) Persuna li tonqos milli tressaq il-pretensjoni tagħha fiż- żmien mogħti għandha tinżamm milli tressaq dik il-pretensjoni u kull pretensjoni bħal dik ma għandhiex titqies mill-Kontrollur flistralċ u fl-iskema ta` distribuzzjoni tal-attiv kontrollat: Iżda kreditur li jkollu l-pretensjoni tiegħu rikonoxxuta mill-Kontrollur skont dan l-artikolu ma jenħtieġx li jressaq ilpretensjoni tiegħu f`dak il-perijodu.*

*(3) Il-Kontrollur għandu, meta jiskadi ż-żmien imsemmi fissubartikolu (1), jippubblika fil-Gazzetta elenku komprensiv tal-pretensjonijet kollha li jkunu sarulu jew li jkunu ġew rikonoxxuti minnu.*

*(4) Kull min ikollu xi interess fl-istralċ jew fl-iskema ta` distribuzzjoni ta` attiv kontrollat jista`, fi żmien xahar millpubblikazzjoni tal-elenku msemmi fis-subartikolu (3), joġġezzjona għal pretensjoni li tkun rikonoxxuta mill-Kontrollur jew li tkun saret skont dan l-artikolu.*

Jirrizulta wkoll li huwa l-Kontrollur li ghandu s-setgha li jiddetermina dwar pretensjonijiet kontra l-attiv kontrollat. **L-Art 5** ighid :-

*(1) Il-Kontrollur jgħaddi biex jiddeċiedi dwar il-pretensjonijiet u oġġezzjonijiet li jsirulu, biex jagħlaq u jagħmel stralċ ta` kull attiv kontrollat, li jaħtar awditur indipendenti sabiex jagħmel il-verifika tal-kontijiet tiegħu, u sabiex jifformula skema ta` distribuzzjoni u jagħmel rapport dwarha lill-Ministru.*

*(2) Estratt ta` rapport mill-Kontrollur li jkun juri min huma l-kredituri li huwa jirrikonoxxi bħala li għandhom pretensjoni valida fuq l-attiv kontrollat, l-ammont dovut fuq dik il-pretensjoni, u kull dritt ta` preferenza li dawk il-pretensjonijiet jista` jkollhom, għandu jiġi pubblikat mill-Kontrollur fil-Gazzetta.*

*(3) Fl-egħmil tar-rapport u fil-formulazzjoni tal-iskema ta` distribuzzjoni, il-Kontrollur għandu jistabbilixxi d-data minn meta l-attiv kontrollat kien insolventi.*

*(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 29(3)(d) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 485 tal-Kodiċi tal-Kummerċ għandhom ikunu japplikaw mutatis mutandis għal attiv kontrollat: Iżda d-disposizzjonijiet ta` dak l-artikolu ma għandhomx ikunu japplikaw għal kull att magħmul mill-Kontrollur jew taħt lawtorità tiegħu.*

*(5) Meta attiv kontrollat, jew is-sid, id-direttur jew il-manager tiegħu jwettqu xi att jew jonqsu milli jagħmlu xi att, u dan jirriżulta fil-privazzjoni frawdolenti tal-jeddijiet tal-kredituri ta` dak l-attiv kontrollat, il-Kontrollur ikollu jedd, skont il-każ, li ma jagħtix każ ta` dak l-att li jkun hekk intgħamel jew li jqis li dak l-att ikun bħallikieku sar minkejja n-nuqqas milli jagħmlu dak l-att.*

*(6) Il-Kontrollur għandu filwaqt li jkun qiegħed jifformula l-iskema ta` distribuzzjoni, jgħaddi biex jiggradwa dawk il-kredituri li jkollhom xi rahan, privileġġ jew ipoteka skont il-liġi li tkun qiegħda attwalment isseħħ filwaqt tad-distribuzzjoni :*

*Iżda rahan jew privileġġ li jsiru, jinħolqu jew jiġu reġistrati wara d-data stabbilita mill-Kontrollur skont is-subartikolu (3), ma għandhomx ikollhom effett kemm-il darba dak ir-rahan jew privileġġ ma jkunux inħolqu mill-Kontrollur:*
*Iżda wkoll id-drittijiet u l-ispejjeż sopportati mill-Kontrollur fl-amministrazzjoni, kontroll u stralċ ta` xi attiv kontrollat għandhom jiggradwaw qabel kull pretensjoni oħra tkun li tkun.*

Imbaghad **l-Art 6** jkompli jistabilixxi regoli dwar id-dritt ta` appell mill-parti aggravata:

*(1) Kull min iħoss ruħu aggravat bir-rapport u bl-iskema ta` distribuzzjoni magħmula mill-Kontrollur ikollu dritt ta` appell quddiem il-Bord tal-Appelli mwaqqaf b`dan l-Att bil-mezz ta` rikors li jsir fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-estratt tar-rapport imsemmi fl-artikolu 5.*

*(2) Fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni tal-estratt tar-rapport u tal-iskema ta` distribuzzjoni msemmija fl-artikolu 5, il-Kontrollur għandu jirreferi dak ir-rapport u dik l-iskema ta` distribuzzjoni lillBord tal-Appelli għall-approvazzjoni jew varjazzjoni tiegħu.*

L-artikoli ta` wara jghaddu biex jiddeterminaw il-formazzjoni tal-Bord ta` l-Appelli u l-gurisdizzjoni ta` l-istess Bord li skond **l-Art 10** tikkonsisti fis-segwenti :

*(1) Il-Bord ikollu l-ġurisdizzjoni unika u esklużiva li jisma` u jiddeċiedi dwar –*

*(a) kull appell magħmul minn deċiżjoni tal-Kontrollur dwar xi pretensjoni ;*

*(b) kull pretensjoni li ssir mill-Kontrollur kontra terża parti inkluża pretensjoni għar-radd lura ta` proprjetà li tkun fil-pussess ta` terzi persuni ;*

*(ċ) kull ħaġa li għandha x`taqsam ma`, jew li titnissel mir-rapport u l-iskema ta` distribuzzjoni pubblikati mill-Kontrollur ;*

*(d) kull pretensjoni li ssir kontra xi Kontrollur li titnissel b`kull mod li jkun mill-amministrazzjoni u mill-istralċ ta` xi attiv li jkun qiegħed jikkontrolla.*

*(2) Il-Bord ikollu wkoll il-ġurisdizzjoni unika u esklużiva biex jinforza id-deċiżjonijiet mogħtija minnu kif ukoll kull sentenza mogħtija minn qorti kompetenti f`Malta kontra l-Kontrollur."*

Hemm ukoll dritt ta` appell fuq punti ta` dritt skont **l-Art 12** tal-Kap 383.

Dan premess, ghandu jinghad illi sabiex jigi determinat jekk tirrizultax it-tieni talba, l-attur kellu jressaq provi biex juri x`passi ha in linea ma` d-disposizzjonijiet fuq riferiti sabiex it-trasferiment ta` l-ishma jigi registrat u sabiex jigi nkluz fid-distribuzzjoni tal-fondi waqt il-procediment ta` stralc. L-attur lanqas biss ressaq prova dokumentarja sabiex juri li talab li ssir ir-registrazzjoni ta` l-ishma. Lanqas ma ressaq provi biex juri li ha passi skont il-Kap 383.

**Ghalhekk it-tieni talba sejra tkun michuda.**

**V. It-tielet talba**

**Din it-tielet domanda hija talba alternattiva u sussidjarja fil-kaz illi r-registrazzjoni ta` t-trasferiment ta` l-ishma ma tigix ordnata. Tenut ta` dak li pprovdiet dwar it-talbiet precedenti, il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` din it-tielet talba.**

**<u>Spejjez</u>**

Dwar il-kwistjoni ta` l-ispejjez ta` din il-procedura, l-attur talab li l-ispejjez kollha jigu akkolati lill-konvenut. Dan tal-ahhar min-naha tieghu sostna illi fi kwalsiasi kaz ma hemm l-ebda raguni ghaliex ghandu jbati l-ispejjez tal-istanza stante li kien in-nuqqas tal-attur li wassal ghal din il-posizzjoni u ghat-tahwid fl-affarijiet u fid-dokumenti ta` l-istess socjetajiet qabel ghaddew taht kontroll. Inoltre insista l-konvenut illi huwa mexa bi prudenza u diligenza. Ghal darb`ohra, l-attur kien karenti fil-produzzjoni ta` provi li jsostnu l-pretensjoni tieghu dwar l-ispejjez. Madanakollu tenut kont tad-decizjoni taghha dwar it-talbiet, il-Qorti sejra tapplika l-**Art 223(3) tal-Kap 12**.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet billi taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tichad it-tieni talba.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**